# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 242/2018/2 JPG**
**Kawza Numru : 18**

**George Cauchi [KI nru. 211584M]**

**Vs.**

**Diana Cauchi [KI nru. 492079M] f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Charlene Cachia, Noel Cachia [KI nru. 275277M], Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors bl-urgenza ta' Diana Cauchi [KI nru. 492079M] f'isimha propju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Charlene Cachia, datat 19 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn ir-rikorrenti Diana Cauchi [KI nru. 492079M] u l-attur George Cauchi, li llum huwa zewgha, twieldet il-minuri Charlene maghrufha bil-kunjom Cachia, nhar l-ewwel (1) t'April tas-sena elfejn u sitta*

*(2006) u dana kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid anness u mmarkat bhala* ***Dok. 'DC 1'****;*

2. *Illi billi l-istess minuri twieldet entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, giet registrata md-Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Att tat-Twelid taghha, li jgib in-numru 1095/2006, bhala wild il-konvenut Noel Cachia [KI nru. 275277M];*

3. *Illi, per konsegwenza giet intavolata kawza sabiex:*

   *(a) fl-ewwel lok, jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri Charlene maghrufa bil-kunjom Cachia, hija effettivament il-wild naturali ta' George Cauchi [KI nru. 211584M] u mhux il-wild tal-konvenut Noel Cachia [KI nru. 275277M], kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 1095/2006;*

   *(b) konsegwentement jigi korrett l-Att tat-Twelid bin-numru 1095/2006 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri.*

4. *Illi, r-rikorrenti tixtieq issiefer lill-minuri Charlene Cachia ghall-btala gewwa Londra mit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sas-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan kif jidher bil-biljett tal-ajru hawn anness u mmarkat* ***Dok. 'DC 2'****;*

5. *Illi prezentement il-minuri m'ghandiex passaport validu ghas-safar;*

6. *Illi r-rikorrenti tehtieg il-kunsens ta' Noel Cachia [KI nru. 275277M] sabiex ir-rikorrenti tkun tista' issiefer flimkien mal-minuri u sabiex isir il-passaport tal-minuri Charlene Cachia u dan stante li fil-prezent l-imsemmija minuri ghadha tidher li hija bint Noel Cachia;*

7. *Illi Noel Cachia [KI nru. 275277M] ma hux ihossu komdu jiffirma l-formola tal-passaport gjaladarba huwa ma hux il-missier naturali tal-minuri*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(1) tawtorizzha ssiefer u tohrog 'l barra minn dawn il-gzejjer lill-minuri Charlene Cachia fid-dati fuq imsemmija; u*

*(2) ghal dan il-ghan tordna u tawtorizza lir-rikorrenti wahidha tapplika ghall-passaport tal-minuri Charlene Cachia filwaqt li tidderigi lill-Ufficjal inkarigat mill-ghoti tal-Passaporti sabiex johrog il-passaport relattiv f'isem l-istess minuri u dan minghajr il-htiega tal-kunsens ta' Noel Cachia, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Ottubru 2018, a fol 44 et seqq., li taqra hekk:

*Dr Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur jesponi bil-qima u bil-Ġurament tiegħu jiddikjara u jikonferma s-segwenti:*

1. *Illi preliminarjament, l-esponent jeċepixxi illi għandha tiġi sorvolata l-kwistjoni tal-pussess ta' stat u dan stante li Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili jaqra: '**Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81**, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess (...)";*

2. *Illi bla ħsara għal premess u fil-*mertu, *l-esponent jirrileva li b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri Charlene Cachia, naturalment huwa mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mill-attur fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi r-rikorrent irid ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprova li fiż-żmien bejn it-tlett mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri Charlene Cachia, Diana Cauchi kienet wettqet adulterju mal-attur stess u di piu' jipprova ukoll xi fatt ieħor li jistgħu*

*ikunu testijiet ġenetiċi li jeskludu lil Noel Cachia bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri Charlene Cachia;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur esebixxa r-rapport ta' testijiet ġenetiċi li jindika li huwa proprju l-missier naturali tal-minuri Charlene Cachia. Madanakollu, l-esponent jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi dan ir-rapport għad irid jiġi maħluf mit-tekniku ikkonċernat;*

5. *Illi f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi, l-esponent ħa konjizzjoni tad-dettalji kollha li nkluda l-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu li eventwalment jiġu inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri Charlene Cachia, bin-numru progressiv 1095/2006. Barra minn hekk, fl-eventwalita' li l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-esponent ħa konjizzjoni ukoll li kunjom Charlene Cachia jinbidel għal Cauchi, salv pero' illi l-partijiet kontendenti ma jkollhom l-ebda oġġezzjoni għal tali talba;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem Noel Cachia, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri Charlene Cachia bin-numru progressiv 1095/2006;*

7. *Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi George Cauchi, bil-gurament tieghu, sostna li t-tifla minuri, Charlene, kienet tifla tieghu mir-relazzjoni li kellu ma' ommha Diana Cauchi. George Cauchi xhed illi illum il-gurnata huwa mizzewweg mal-istess Diana Cauchi u xtaq illi jsiefru maghhom lit-tifla Charlene mit-12 sa 17 ta' Dicembru 2018 sa Londra – vide xhieda a fol 8;

Minn naha taghha, Diana Cauchi a fol 10 et seqq., xhedet illi hija kienet zzewget lil Noel Cachia u sseparat de facto minn mieghu, u kienet marret tghix ghand ommha.

F'dan il-perjodu kienet iltaqghet ma' George Cauchi, u kellhom relazzjoni li minnha twieldet Charlene. Illum il-gurnata hija u George Cauchi zzewgu u ghandhom tlett itfal. Diana Cauchi xtaqet illi tiehdu lil Charlene Londra mit-12 sa 17 ta' Dicembru 2018.

Il-Qorti rat illi fit-2 ta' Novembru 2018, Dr Ruth Ellul ghal Noel Cachia iddikjarat li Cachia ma kellux oggezzjoni ghat-talbiet attrici.

Il-Qorti rat ukoll illi fl-atti tal-process 242/2018 fl-istess ismijiet, gew ezebiti d-DNA Tests li jidentifikaw li Charlene Cachia bhala bint George Cauchi u Diana Cauchi – Vide Dok GC3 a fol 12, albeit li dawn it-tests ghadhom mhux debitament konfermati bil-gurament.

Illi lanqas ma jidher illi d-Direttur Registru Pubbliku kellu oggezzjonijiet fis-sustanza ghat-talbiet ta' Diana Cauchi pro. et. noe.

Hija il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi fl-assenza ta' opposizzjoni ta' Noel Cachia ghat-talbiet indikat for-rikors datat 19 ta' Ottubru 2018, din il-Qorti ma tarax illi hemm xi raguni impellanti il-ghaliex ghandha tichad t-talbiet attrici, u dan in vista wkoll tal-fatt li Diana u George Cauchi huma mizzewga illum il-gurnata u ghandhom aktar wlied.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi *dato non koncesso* il-veracita tad- DNA Testing, certament mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri Charlene li din il-minuri ma ssifirx mal-genituri taghha u l-kumplament ta' hutha f'din il-mawra proposta mill-genituri u tigi mwarrba u alienata mill-kumplament tal-familja taghha;

**Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi billi:**

**Tawtorizza lil Diana Cauchi ssiefer u tohrog barra minn dawn il-gzejjer lill-minuri Charlene Cauchi mit-12 sa 17 ta' Dicembru 2018;**

1. **U ghal dan il-ghan tordna u tawtorizza lir-rikorrenti Diana Cauchi waheda tapplika ghall-passaport ta' Charlene Cachia u tidderigi lill-Ufficcjal inkarigat mill-hrug tal-passaporti sabiex johrog il-passaport tal-minuri Charlene Cachia f'isem l-istess minuri u dana minghajr il-kunsens ta' Noel Cachia.**

2. **Illi l-passaport ta' Charlene Cachia ghandu jigi depozitat taht l-awtorita ta' din il-Qorti fi zmien gimgha mir-ritorn tal-minuri lura f'Malta, cioe fi zmien gimgha mis-17 ta' Dicembru 2018;**

**Il-Qorti tordna notifika lill-Ufficcjal inkarigat mill-hrug tal-passaporti.**

**Spejjez a karigu ta' Diana u George Cauchi.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**